MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Numru 296/2005

PULIZIJA
SPETTUR MARIO HABER
SPETTUR JASON AGIUS
VS
LIVADIOTIS PANICCOS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Livadiotis Paniccos, imwieled Cipru nhar il-25 ta’ Frar 1951, iben Pandelis u Makaria, residenti fl-Intercontinental Hotel, St Julians, u detentur ta’ passaport Ciprijott numru C195369, u akkuzat talli fit-3 t’April 2005, ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filghaxija (19.45hrs), gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja, ghamel dikjarazzjoni li kien jaf il kienet sostanzjalment falza, jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni li kienet sostanzjalment falza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-imputat tal-4 t'April 2005, fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, wara li l-Qorti rat Artiklu 9 tal-Kap 405, u Artiklu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------